



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

14.6.2010

B7-0367/2010

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara l-mistoqsijiet għal tweġiba orali B7-0303/2010 u B7-0304/2010

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kummerċ ta' oġġetti li jintużaw għat-tortura

**Heidi Hautala, Barbara Lochbihler, Yannick Jadot, Reinhard Bütikofer**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

RE\820507MT.doc

PE441.949v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kummerç ta' oġġetti li jintużaw għat-tortura**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-projbizzjoni assoluta tat-tortura u ta' trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, projbizzjoni li tapplika fiċ-ċirkustanzi kollha u, bħala norma perentorja fid-dritt internazzjonali, għall-istati kollha,
- wara li kkunsidra l-artikulazzjoni ta' din il-projbizzjoni f'għadd ta' strumenti u dokumenti internazzjonali u reġjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, fosthom id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem<sup>1</sup>, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi (ICCPR)<sup>2</sup>, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra (Il-Konvenzjoni kontra t-Tortura), il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali<sup>3</sup>, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-3 ta' Ottubru 2001 li tkegġeg lill-Kummissjoni ta' għaxxi malajr biex tippreżenta strument Komunitarju adegwat li jipprojbixxi l-promozzjoni, il-kummerç u l-esportazzjoni ta' tagħmir tal-pulizija u tas-sigurtà li l-użu tiegħu huwa b'mod inerenti krudili, inuman jew degradanti<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerç ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, għat-tortura jew għal trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra li daħal fis-seħħ fit-30 ta' Lulju 2006<sup>6</sup>;
- wara li kkunsidra r-rapport tal-2008 tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar it-tortura u trattament jew kastigi krudili,

---

<sup>1</sup> Artikolu 5, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata u proklamata bir-Riżoluzzjoni 217 A (III) tal-Assemblea Ġenerali fl-10 ta' Diċembru 1948

<sup>2</sup> Artikolu 7, Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi. Adottat u miftuħ għall-iffirmar, ir-ratiffika u l-adeżjoni bir-Riżoluzzjoni 2200A (XXI) tal-Assemblea Ġenerali, 16 ta' Diċembru 1966, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Marzu 1976.

<sup>3</sup> Artikolu 3, Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fl-4 ta' Novembru 1950, u daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Settembru 1953.

<sup>4</sup> Artikolu 4, Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif iffirmata u proklamata mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000.

<sup>5</sup> ĠU C 87 E, 11.4.2002.

<sup>6</sup> Regolament tal-KE Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerç ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, għat-tortura jew għal trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropew, L200/1, 30 ta' Lulju 2005 (<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2005:200:0001:0019:EN:PDF> - verżjoni Maltija mhux disponibbli).

inuman jew degradanti ieħor<sup>1</sup>,

- wara li kkunsidra l-Linji gwida għall-politika tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, adottati fl-2001 u riveduti fl-2008<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-attività f'pajjiżi oħra wara l-iżvilupp tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005, partikolarment l-emendi għal-liġi tal-Istati Uniti dwar il-kontroll fuq l-esportazzjonijiet proposti mill-Bureau tal-Istati Uniti tal-Industrija u tas-Sigurtà f'Awissu 2009 li jirriflettu dawk misjuba fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005, u f'xi każijiet imorru lil hinn minnhom<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea, li jistieden lill-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura tal-Kunsill tal-Ewropa biex isaħħaħ il-kooperazzjoni tiegħu mal-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni; kif ukoll is-17-il Rapport Ġenerali dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT), li jitlob lill-Kunsill tal-Ewropa jqis ir-rwol li s-CPT jista' jkollu fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005,
  - wara li kkunsidra r-rapporti ppubblikati mill-Amnesty International u l-Omega Research Foundation fl-2007 u fl-2010 li jenfasizzaw dgħufijiet partikolari fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 u jesprimu tħassib dwar l-implimentazzjoni inadegwata tar-Regolament minn xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Konvenzjoni kontra t-Tortura timponi obbligi speċifiċi fuq l-istati biex jipprevjenu t-tortura u trattament ħażin ieħor, biex jinvestigaw każijiet li jkunu ġraw, biex issir ġustizzja ma' min ikun wettaq ir-reat u biex il-vittmi jiġu kkumpensati<sup>5</sup>,

---

<sup>1</sup> Kif ikkwotat mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill Ewropew, Implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar it-tortura u trattament jew kastig krudili, inuman jew degradanti ieħor - il-qagħda tas-sitwazzjoni u miżuri ġodda ta' implimentazzjoni, 8407/1/08 REV 1 18 ta' April 2008,

(<http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/08/st08/st08407-re01.mt08.pdf>).

<sup>2</sup> Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Linji gwida għall-politika tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra – Aġġornament tal-Linji gwida (PESC 450, COHOM 41, 18 ta' April 2008)

([http://www.consilium.europa.eu/applications/HumanRights/docs.asp?cmsid=943&lang=EN&command=show\\_subdocs&id=108](http://www.consilium.europa.eu/applications/HumanRights/docs.asp?cmsid=943&lang=EN&command=show_subdocs&id=108)).

<sup>3</sup> Fost it-tibdiliet proposti fl-Istati Uniti hemm l-introduzzjoni ta' kontrolli fuq "tagħmir intiż għall-eżekuzzjoni tal-bnedmin", u l-klassifikazzjoni ta' "lembubi bil-ponot" u "manetti elettriċi" bħala strumenti espliċitament "intiżi għat-tortura", u għalhekk jiġi preżunt huma suġġetti għal rifjut ta' liċenzja tal-esportazzjoni. Id-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti (Bureau tal-Industrija u s-Sigurtà), *Reviżjonijiet għal-Lista ta' Kontroll Kummerċjali biex ikunu Aġġornati u Kkjarifikati r-Rekwiżiti tal-Liċenzji ta' Kontroll tar-Reati*, ippubblikati fir-Reġistru Federali tal-Istati Uniti, Vol. 74, Nru 153, 11 ta' Awissu 2009

([http://www.gpo.gov/bis/fedreg/ear\\_fedreg.html#74fr40117](http://www.gpo.gov/bis/fedreg/ear_fedreg.html#74fr40117), aċċessat fl-20 ta' Jannar 2010)

<sup>4</sup> Amnesty International, Unjoni Ewropea: Inwaqqfu il-Kummerċ ta' Strumenti Użati għat-Tortura (Indiċi: POL 34/001/2007); Amnesty International u Omega Research Foundation, Mill-Kliem għall-Fatti: biex il-projbizzjoni tal-UE fuq il-kummerċ tal-istrumenti użati għat-tortura ssir realtà (Indiċi: EUR 01/004/2010).

<sup>5</sup> Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, adottata bir-riżoluzzjoni 39/46 tal-Assemblea Ġenerali tal-10 ta' Diċembru 1984 u daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Ġunju 1987.

- B. billi seba' Stati Membri tal-UE biss ħarġu rapport annwali pubbliku kif meħtieġ skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1236/2005,
- C. billi, mikejja tali obbligi, it-tortura jew trattament ħażin ieħor għadu qed iseħħ fid-dinja kollha, u ntużat firxa wiesgħa ta' tagħmir tal-pulizija u tas-sigurtà għal tali Prattiki,
- D. billi r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura asserixxa li l-kontroll tal-kummerċ ta' tagħmir bħal dan huwa parti mill-obbligi ta' kull stat skont il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura<sup>1</sup>,
- E. billi l-Linji gwida għall-politika tal-UE għal pajjiżi terzi dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, jiddikjaraw li l-UE se tteġġeg lill pajjiżi terzi jipprevjenu l-użu, il-produzzjoni u l-kummerċ ta' tagħmir li jkun maħsub għat-tortura jew għal trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra u jipprevjenu l-abbuż għal kull tagħmir ieħor li jkollu dawk l-għanijiet<sup>2</sup>,
- F. billi r-rapport tal-2008 tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar azzjonijiet tal-UE bħala tkomplija tal-impenji fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor f'pajjiżi terzi, jiddikjara li 'l-adozzjoni tar-Regolament dwar l-istrumenti li jintużaw għat-tortura hija l-ewwel eżempju ta' regolament tal-UE adottat skont il-linji gwida dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tortura laqa' b'sodisfazzjon dan il-pass u fisser il-fehma tiegħu li jista' jservi bħala mudell għal regolament dinji dwar dan is-suġġett. Għall-UE, dan ifisser il-ħtieġa li tkun ivvalutata l-implimentazzjoni tar-Regolament',
- G. billi jingħad li uffiċjali tad-dwana Ġermaniża kkonfermaw li fl-2007 kienu kixfu trasport mhux awtorizzat ta' tagħmir għall-isturdament li jagħtu x-xokkijiet tal-elettriku mill-Ġermanja lejn il-Ġeorġja, il-Bangladexx, ir-Rumanija u l-Iran, skont il-mozzjoni parlamentari Ġermaniża Drucksache 16/4446,
- H. billi kien hemm rapporti li kumpaniji bbażati fl-Ewropa impurtaw fi Spanja u fir-Rumanija apparat li jintlibes u li jagħti x-xokkijiet tal-elettriku biex il-persuna ma tiċċaqlaqx, li essenzjalment l-effett tiegħu huwa simili għal ċintorini li jagħtu xokkijiet tal-elettriku pprojbiti milli jkunu impurtati fl-Unjoni Ewropea bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005, skont rapporti mill-Amnesty International, l-Omega Research Foundation, u l-Inter-Press Service,
- I. billi l-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura (KPT) tal-Kunsill tal-Ewropa rrapporta fl-2005 li ċintorini li jagħtu xokkijiet tal-elettriku b'qawwa ta' 50,000V kellhom jiġu introdotti fil-ħabsijiet u fl-istabbilimenti tal-pulizija kollha tal-Ungerija sa tmiem l-2005, minkejja l-klassifikazzjoni tagħhom skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 bħala tagħmir li ma għandu l-ebda użu Prattiku għajr għall-iskop ta' tortura u trattament

<sup>1</sup> Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar il-kwestjoni tat-tortura, Theo Van Boven, Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem, Dok. E/CN 4/2005/62 tan-NU, 15 ta' Diċembru 2004, paragrafu 14.

<sup>2</sup> Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Linji gwida għall-politika tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra – Aġġornament tal-Linji gwida (PESC 450, COHOM 41, 18 ta' April 2008) ([http://www.consilium.europa.eu/applications/HumanRights/docs.asp?cmsid=943&lang=EN&command=show\\_subdocs&id=108](http://www.consilium.europa.eu/applications/HumanRights/docs.asp?cmsid=943&lang=EN&command=show_subdocs&id=108)).

jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, u billi l-gvern Ungeriż ma ta l-ebda informazzjoni ulterjuri pubblikament li tikkonferma jew tiċħad l-introduzzjoni ta' tali tagħmir,

- J. billi xi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, fosthom ir-Repubblika Ċeka u l-Ġermanja, mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005, ħarġu liċenzji għall-esportazzjoni ta' oġġetti li jinkludu tagħmir li jrażżan il-moviment tar-riġlejn, irritanti kimiċi u tagħmir li jagħti xokkijiet tal-elettriku, li huma kkontrollati skont ir-Regolament, lejn pajjiżi b'imgħoddi ħażin fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem,
- K. billi 12-il Stat Membru biss daħħal leġiżlazzjoni ta' penali sad-29 ta' Awwissu 2006 kif meħtieġ skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005,
- L. billi seba' Stati Membri biss fasslu rapport pubbliku wieħed jew aktar dwar l-attività annwali li jagħti dettalji dwar id-deċiżjonijiet ta' ħruġ ta' liċenzji tagħhom kif meħtieġ skont l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005, u billi wħud minn dawn ir-rapporti li ġew ippubblikati ma kienx fihom biżżejjed dettall sabiex issir superviżjoni xierqa ta' dawn id-deċiżjonijiet ta' ħruġ ta' liċenzji,
- M. billi l-lista ta' oġġetti u tagħmir li l-kummerċ tagħhom huwa pprojbit skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 ma tinkludix xi tagħmir tal-pulizija u tas-sigurtà, li attwalment huwa kkummerċjat internazzjonalment, li jew m'għandux użu prattiku għajr għat-tortura jew għal trattament ħażin ieħor, inklużi l-lembubi bil-ponot, ċertu tagħmir imwaħħal mal-ħajt jew mal-art biex irażżan il-moviment, ċertu tagħmir li jrażżan il-moviment tar-riġlejn, manetti għas-swaba', manetti għas-saba' l-kbir, għodda li tintuża biex tagħfas is-saba' l-kbir u apparat li jintlibes li jagħti xokkijiet tal-elettriku għajr ċ-ċintorini li jagħtu xokkijiet tal-elettriku,
- N. billi l-lista ta' oġġetti u tagħmir li l-kummerċ tagħhom huwa kkontrollat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 ma tinkludix xi tagħmir tal-pulizija u tas-sigurtà, li attwalment huma kkummerċjati internazzjonalment, li jista' jkollhom użi leġittimi penali jew ta' infurzar tal-liġi meta l-użu tagħhom ikun irregolat skont l-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards tal-aħjar prattika tal-infurzar tal-liġi, iżda li jintużaw ħażin għat-tortura jew għal trattament ħażin ieħor, inklużi manetti, lembubi u tagħmir ta' impatt ieħor li jinżamm fl-idejn, armi li jużaw ix-xokkijiet tal-elettriku b'voltaġġ għoli li jaħdmu b'inqas minn 10,000 volt, kif ukoll komponenti u aċċessorji maħsuba speċifikament għal tagħmir ipprojbit u kkontrollat,
- O. billi l-Kumitat għar-Regoli Komuni għall-Esportazzjoni ta' Prodotti għandu jerġa' jiltaqa' fid-29 ta' Ġunju 2010,
  - 1. Jistieden lill-Istati Membri kollha jinfurmaw lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli dwar il-penali rilevanti li jkunu daħħlu għal ksur tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005, kif inhuma obbligati jagħmlu skont l-Artikolu 17 tar-Regolament;
  - 2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għar-Regoli Komuni għall-Esportazzjoni ta' Prodotti jipprovdu linji gwida u għajjnuna lill-Istati Membri biex iħarrxu tali penali meta jkunu insuffiċjenti u meta jkunu għadhom ma ddaħħlux;

3. Ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri kollha skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 li jfasslu rapporti pubbliċi f'waqthom dwar l-attività annwali, u jhegġegħ lill-Kummissjoni tikteb lill-Istati Membri li ma jkunux tawha rapporti bħal dawn biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom;
4. Ihegġegħ lill-Istati Membri, sabiex ir-rapporti dwar l-attività annwali tagħhom jipprovdu biżżejjed informazzjoni għal supervizzjoni pubblika xierqa, biex f'dawn ir-rapporti jinkludu tal-anqas: l-għadd ta' applikazzjonijiet li rċevew, l-oġġetti involuti u l-pajjiżi ta' destinazzjoni għal kull applikazzjoni, kif ukoll id-deċiżjonijiet li ttieħdu dwar kull waħda minn dawn l-applikazzjonijiet, u rapporti ta' 'ebda attività' jekk ikun il-każ;
5. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżviluppa mudell għar-rapporti dwar l-attività annwali tal-Istati Membri sabiex ikun iffaċilitat it-tfassil ta' rapporti bħal dawn mill-Istati Membri u biex tkun żgurata l-konsistenza tagħhom;
6. Ihegġegħ lill-Kummissjoni twettaq analiżi formali, megħjuna mill-Kumitat għar-Regoli Komuni għall-Esportazzjoni ta' Prodotti (kif mogħtija s-setgħa skont l-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament) tal-implimentazzjoni u l-attività ta' ħruġ ta' liċenzji tal-Istati Membri skont ir-Regolament, inkluż eżami tar-rapporti kollha dwar l-attività annwali tal-Istati Membri; kif ukoll tippubblika din l-analiżi mar-rapporti dwar l-attività annwali li tkun irċeviet minn kull Stat Membru f'kull sena mindu r-Regolament ikun daħal fis-seħħ;
7. Ihegġegħ lill-Istati Membri jiżguraw li l-proċeduri enfasizzati fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 biex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqsmu informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta' ħruġ ta' liċenzji u miżuri ta' implimentazzjoni, jew permezz tal-mekkaniżmu ta' notifikazzjoni ta' rifjut li huwa diġà stabbilit għal rifjut ta' esportazzjoni militari fil-COARM, jew permezz ta' proċeduri effikaċi oħra, ikunu implimentati sew;
8. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament dwar l-attivitajiet li tkun wettqet sabiex ikun aktar faċli għall-Istati Membri li jissodisfaw l-Artikolu 13;
9. Jitlob lill-Kummissjoni tagħti lill-Parlament, u tippubblika, l-informazzjoni li tkun irċeviet minn kull Stat Membru f'kull sena mindu r-regolament ikun daħal fis-seħħ: b'mod speċifiku, notifikazzjoni ta' rifjut ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament; dettalji tal-penali rilevanti li kull Stat Membru jkun daħħal għal ksur tar-Regolament; u l-kontenut sħiħ tar-rapporti dwar l-attività annwali tal-Istati Membri;
10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-Kumitat għar-Regoli Komuni għall-Esportazzjoni ta' Prodotti jiltaqa' fuq bażi regolari, jipproduċi kalendarju ċar għal analiżi formali tar-Regolament, u jistabbilixxi proċedura għal investigazzjonijiet f'waqthom dwar ksur tar-Regolament li seta' kien hemm;
11. Jikkundanna bil-qawwa kull tentattiv mill-Istati Membri jew minn kumpaniji fl-Unjoni Ewropea li jimpurtaw ċinturini li jagħtu xokkijiet tal-elettriku li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005, jew tagħmir ieħor li jintlibes li jagħti x-xokkijiet tal-elettriku biex il-persuna ma tiċċaqlaqx li essenzjalment ikollu l-istess effett, u jhegġegħ lill-Kummissjoni twettaq investigazzjoni urġenti biex tistabbilixxi jekk u meta ċ-ċinturini li jagħtu xokkijiet tal-elettriku jew il-partijiet relatati

tagħhom, tagħmir ieħor li jintlibes li jagħti x-xokkijiet tal-elettriku biex il-persuna ma tiċċaqlaqx, l-għajnuna teknika jew it-taħriġ ikunux ġew ittrasferiti lejn l-Ungerija u r-Rumanija qabel ma ddaħħal ir-Regolament jew mindu ddaħħal; biex tiddetermina jekk tagħmir bħal dan intużax minn xi awtoritajiet tal-ħabs jew tal-infurzar tal-liġi f'dawk il-pajjiżi; u biex tirrapporta r-riżultati tagħha lill-Parlament;

12. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tat-tortura u ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, jimmonitorjaw l-għajnuna teknika għal pajjiżi terzi biex ikun evitat li din l-għajnuna teknika tintuża ħażin għall-produzzjoni ta' oġġetti bl-iskop li jintużaw għall-piena kapitali jew għat-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi u taġġorna l-lista ta' oġġetti pprojbiti skont l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 biex tinkludi l-lembubi bil-ponot, ir-tagħmir imwaħħal mal-ħajt jew mal-art, il-manetti għall-għekiesi, il-ktajjen u l-qjud, il-manetti għas-saba' l-kbir, il-manetti għas-swaba', u l-għodda li tintuża biex tagħfas is-saba' l-kbir, il-manetti li jagħtu x-xokkijiet tal-elettriku u tagħmir ieħor li jintlibes bix-xokkijiet tal-elettriku;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi u taġġorna l-lista ta' oġġetti kkontrollati skont l-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 biex tinkludi l-manetti, il-lembubi u tagħmir ieħor ta' impatt li jinżamm fl-idejn, u tagħmir li jinġarr li jagħti x-xokkijiet tal-elettriku ta' anqas minn 10 000 volt;
15. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tistabbilixxi proċedura speċifika biex tirrevedi regolarment il-listi ta' oġġetti fl-Anness II u fl-Anness III kif stipulat fil-paragrafu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005;
16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta biex malli jkun possibbli tiddaħħal fir-Regolament klawnsola dwar 'l-użu aħħari għat-tortura', li tippermetti, abbażi ta' informazzjoni minn qabel, li l-Istati Membri joħorġu liċenzji u għaldaqstant jirrifjutaw l-esportazzjoni ta' kull oġġett li jista' jkollu riskju sostanzjali li jintuża għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament ħażin ieħor mill-utenti aħħarin tiegħu;
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta biex kemm jista' jkun malajr iddaħħal projbizzjoni fir-Regolament dwar l-intermedjazzjoni tat-tranżazzjonijiet minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tal-Unjoni Ewropea minn kwalunkwe lok fejn huma involuti trasferimenti internazzjonali, inklużi l-bejgħ u l-esportazzjoni, ta' oġġetti bl-ebda użu prattiku għajr għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament ħażin ieħor, kif imniżżel fl-Anness II tar-Regolament; u li tirrikjedi lill-Istati Membri jdaħħlu mekkaniżmi effikaċi biex tkun ikkontrollata l-intermedjazzjoni ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu trasferimenti ta' kull oġġett elenkat fl-Anness III tar-Regolament;
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposta biex kemm jista' jkun malajr fir-Regolament iddaħħal rekwiżit għall-importaturi biex jiksbu awtorizzazzjoni għall-importazzjoni ta' oġġetti elenkati fl-Anness III tar-Regolament fl-Unjoni Ewropea, u għall-Istati Membri biex jirrifjutaw it-tali awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni f'każ li jkun hemm raġunijiet validi biex wieħed jaħseb li t-tali tagħmir aktarx jintuża għat-tortura jew trattament ħażin ieħor fi ħdan l-Unjoni Ewropea jew ladarba jiġi kkummerċjalizzat barra mill-Unjoni

Ewropea;

19. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tqis monitoraġġ imsaħħaħ tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni attwali fis-seħħ, inklużi mezzi għat-tneħħija tal-eżenzjoni għar-reqwiziti ta' awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni għal oġġetti fl-Anness III li jgħaddu mill-Unjoni Ewropea;
20. Ifakkar fl-aġġornament tal-2008 tal-Linji gwida għall-politika tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex, skont dawn il-Linji gwida, jipromwovu r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 bħala eżempju tal-aħjar prattika fil-laqgħa ma' pajjiżi terzi; kif ukoll li tinkuraġġixxi lill-pajjiżi terzi li jesportaw tagħmir li l-importazzjoni tiegħu huwa pprojbit skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 biex jgħarrfu lin-negozjanti f'dawk il-pajjiżi dwar il-projbizzjonijiet tar-Regolament;
21. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipromwovi l-kontrolli tal-kummerċ internazzjonali fuq tagħmir li jista' jintuża għall-piena kapitali, it-tortura u trattament ħażin ieħor f'livell internazzjonali, kif ukoll biex, b'mod partikolari, jaħdmu biex iwessgħu t-talba annwali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU "biex ikunu evitati u pprojbiti l-produzzjoni, il-kummerċ, l-esportazzjoni u l-użu ta' tagħmir li jkun maħsub speċifikament għat-tortura", sabiex l-istati kollha jintalbu wkoll jirregolaw il-produzzjoni, il-kummerċ, l-esportazzjoni u l-użu ta' tagħmir li ma jkunx maħsub b'mod speċifiku għat-tortura jew għal trattament ħażin ieħor iżda li jintuża b'mod wiesa' għal dak il-għan;
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.